MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 204/2003

Il-Pulizija
(Spt. J. Mercieca)
Vs

Carmel Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 t'Ottubru, 2003, u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer naqas li jaghti lil martu Mariella Azzopardi u/jew ghall-ulied minuri s-somma ffissata bhala manteniment a segwitu tal-kuntratt ta' separazzjoni datat fis-6 ta' Frar, 1997 fl-atti tan-nutar Rosella Sciberras.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 t'Ottubru, 2003 li biha, wara li rat l-Artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet

lill-imputat hati w ikkundannatu ghal hmistax (15) il-jum detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Novembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kulll imputazzjoni w htija, jew fin-nuqqas, illi tirriforma l-istess sentenza billi tordna mitigazzjoni fil-piena minn wahda ta' detenzjoni ghal wahda ta' multa.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma li :-
1) fl-ewwel lok ma saritx l-ahjar prova stante illi giet prodotta biss kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni relattiv, mentri fil-kamp penali hija rikjesta l-ahjar prova;
2) in-nullita' tas-sentenza tal-Ewwel Qorti stante illi mhux sufficjentement motivata;
3) il-piena hija eccessiva.

Fliet l-atti kollha processwali;

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni maghmul fis-seduta tal-lum li bih preliminarjament ecceppiet in-nullita' tar-rikors tal-appell ghax dan gie prezentat "fuori termine" u cioe' oltre t-tmint ijiem ta' xoghol mid-data tas-sentenza appellata;

Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni;

Peress illi jirrizulta li r-rikors tal-appell gie prezentat fis-6 ta' Novembru, 2003 u cioe disghat (9) ijiem ta' xoghol wara li nghatat is-sentenza appellata w dana ovvjament bl-applikazzjoni tal-principju tad-"dies a quo non computantur in termine", u jidher li dan sar bi ksur tal-vot espress tal-ligi li fl-artikolu 417 (1) tal-Kap. 9 li jiddisponi li :-

"L-appell jingieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'rikors li ghandu jigi pprezentat fi zmien tmint ijiem ta' xoghol ….."

U peress li dan skond gurisprudenza kostanti gie ritenut li jimporta n-nullita' tar-rikors tal-appell, tiddikjara l-istess

rikors irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------